MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2006

Numru. 210/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**
v

**JOSEPH MIFSUD**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH MIFSUD** bin John u Angela nee Vella, imwieled nhar d-dsatax ta' Marzu 1977 u residenti "Abode of Bliss", Triq l-Wardija, Qala, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 8677G, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-sbatax ta' Marzu 2004, ghal habta tas-sitta neqsin kwart ta' filghaxija, waqt li kien isuq il-vettura tieghu tal-ghamla Suzuki Jeep, bin-numru ta' registrazzjoni JAR 468 fi Triq Cetta Mintoff, Rabat, Ghawdex;

1. Naqas lil jieqaf fuq il-kelma STOP meta gie biex johrog minn Triq Cetta Mintoff ghal go Triq Santa Duminka, Rabat, Ghawdex;

2. Saq l-imsemmija vettura b'maniera traskurata u perikoluza;

3. Talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, involuntarjament kkaguna griehi ta' natura gravi per durata fuq il-persuna ta' Paul Zammit u dan skond ma ccertifika Doctor Ian Galea MD fl-isptar Generali ta' Ghawdex;

4. Talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, involuntarjament kkaguna hsarat fil-mutur tal-ghamla Yamaha bin-numru ta' registrazzjoni FBA 474 ghad-dannu ta' Paul Zammit.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tissospendi l-licenzja tas-sewqan lil imputat ghal perjodu ta' zmien li l-istess Qorti jidhrilha xieraq.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti, fosthom s-sebgha ritratti esibiti mill-imputat nhar l-hdax ta' Novembru 2004.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil PS 755 Frank Gauci, lil Mary Galea, lil Paul Zammit u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Ezaminat l-affidavits rilaxxjati minn Doctor Ian Galea nhar t-tmienja ta' Novembru 2004, fejn ikkonferma l-feriti li sofra Joseph Mifsud nhar s-sbatax ta' Awissu 2004, konsistenti fi ksur tal-ghaksa tax-xellug u li kklassifikha bhala feriti ta' natura gravi.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat kien hiereg minn triq sekondarja u cioe Triq Cetta Mintoff, r-Rabat, Ghawdex ghal go triq principali maghrufa bhala Triq Santa Duminka, meta habat ma mutur bin-numru ta' registrazzjoni FBA 474 misjuq minn Paul Zammit li kien ge minn fuq il-lemin tieghu.

Illi **Paul Zammit** jghid li huwa kien ghaddej fuq il-mutur tieghu fi triq principali meta fid-daqqa w il-hin, l-imputat hareg minn triq sekondarja, minn fejn kien hemm *stop sign* u baqa diehel go fih. Ikkonferma li l-imputat fl-ebda hin m'ghafas il-*brake*. Ikkonferma li lil imputat ma rahx hiereg mit-triq, izda sabu fuq wiccu hesrem. Ikkonferma wkoll li fuq ix-xellug tieghu, parkeggjati, kien hemm vetturi ohra. Spjega li l-imputat kellu *speed* qawwi u bid-daqqa spicca fuq vettura ohra.

Illi **Mary Galea** fix-xhieda taghha qalet li hi tigi l-kunjata tal-imputat u li fil-hin tal-incident hija kienet fil-kantuniera bejn Triq Cetta Mitoff u Triq Santa Duminka meta, f'daqqa wahda semghet habta u tal-mutur jitkaxkar.

Mistoqsija fejn kien l-imputat dak l-hin, x-xhud wiegbet li kien ghadu ser ohrog minn Triq Cetta Mintoff. Qalet li rat lil imputat wieqaf qabel ma hareg.

Illi **PS 755 Frank Gauci** qal li huwa nvestiga din il-kollizzjoni dakinhar stess ftit wara li sehhet, meta s-sewwieq tal-mutur kien diga ttiehed l-isptar. Minn investigazzjoni preliminari rrizultalu li l-imputat kien hiereg minn triq sekondarja u skond ma qallu l-imputat a tempo vergine tal-investigazzjoni, dan kien wieqaf fuq *stop sign* w imbaghad ittanta johrog ghalkemm il-viswali tieghu kienet ostakolata peress li kien hemm karozza ipparkjata fi Triq Santa Duminka, fuq il-lemin tieghu w ghalhekk ma setghax jara min kien gej minn fuq il-lemin tieghu. Ix-xhud kompla jghid li Joseph Mifsud qallu li kien waqaf ihares

mill-mera u meta gie biex jaqsam l-karreggjata tat-triq principali, ra l-mutur gej ghal go fih.

Ikkunsidrat:

Illi d-difiza qed issostni li l-imputat m'ghandux jinstab hati tal-akkuza ta' sewqan traskurat ghaliex huwa ha prekawzjoni qabel ma hareg ghal fuq triq principali u peress li l-vista tieghu kienet ostakolata bil-vettura ipparkjata, huwa kellu bilfors johrog f'nofs t-triq.

Il-Prosekuzzjoni stqarret li l-imputat kellu jkun aktar kawt meta gie biex johrog ghal fuq triq arterjali bhal din li tinfed mir-Rabat ghal Munxar.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnax ta' Novembru 1960*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Nazzareno Borg** fejn gie deciz li:

*"Is-side road user ghandu dritt li jaqsam ghal fuq main road meta, bid-debita prudenza, ikun accerta ruhu li din hi libera".*

Anke kif gie deciz f'sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulziija v Guseeppe Galdes** – VOL. XXXVII – pg. 1108, li:

*"Side road user irid jidhol go main road bla ma jiehu riskju li driver prudenti ma jiehux."*

Gie wkoll ritenut minn dik l-istess Qorti, li f'Sede Kriminali, kull sewwieq iwiegeb ghal agir tieghu, indipendentement minn dak li jaghmel sewwieq iehor, ammenoche dak li jigri ma jkunx dovut unikament w esklussivament ghal htijiet da parti tas-sewwieq l-iehor. [***Appell Kriminali*** – **Il-Pulizija v Gaetano Schembri** – ***16/03/1961***; **Il-Pulizija v John Polidano** – ***03.11/1963***]

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, is-sewqan tal-imputat li bih baqa hiereg ghal fuq triq principali bhal ma hija Triq Santa Duminka, bla ma ha l-prekawzjonijiet kollha mehtiega qabel ma johrog fuq triq principali ghal fuq triq sekondarja,

kien wiehed mhux biss traskurat, imma addirittura perikoluz u bla kont fic-cirkostanzi. Apparti milli jieqaf *dead stop* ‘l gewwa mill-linja bajda hoxna li hemm mizbugha fit-triq, hu kellu wkoll l-obbligu li jesplora sewwa Triq Santa Duminka, biex jara jekk kienx gej traffiku miz-zewg direzzjonijiet fuq din t-triq. Jekk imbgahd jara tali traffiku qed javvicina l-*junction*, kellu l-obbligu li jcedilu u jaghtih d-dritta li kienet tispetta lil tali traffiku. L-esplorazzjoni tat-triq ghal traffiku gej minn naha tar-Rabat partikolarment, riedet tkun wahda serja w assidwa u kemm jista jkun fit-tul, sabiex hu jkun jista jikkalkola l-prossimita u l-velocita tat-traffiku li setgha jkun riesaq minn dik in-naha. Fi kliem iehor, l-imputat ried jezercita *a proper lookout*.

Issa jekk jitwemmen dak li qal l-imputat stess fuq l-pedana tax-xhieda quddiem il-Qorti, li ra biss il-mutur mad-daqqa, dan manifestament juri li ma kienx esplora sewwa w assidwament qabel ma hareg, ghaliex kieku kien zgur li jara minn distanzi itwal li tippermetti l-lokalita. Jekk imbaghad rah gej bi *speed*, aktar w aktar ma jmissux hareg.

Il-kwistjoni li l-imputat qal li kellu l-vizwali tieghu ostakolata minhabba li kien hemm vetturi ipparkjati, ma tnaqqasx mill-obbligu li hu ghandu li jesplora t-triq qabel ma jidhol go fiha.

Is-sewwieq tal-mutur ma kellu ebda obbligu li jcedi lil imputat ghax kif jghid ***Mazengarb***, fil-monografija tieghu; ***Negligence on the Highway*** [Butterworth Edit. 1962 – pgs. 329-330] hu kien “*entitled to credit the other driver with a willingness to observe his duty.*”

L-istess awtur jghid:

“*There is a well recognised rule that traffic entering or crossing a main road, must give way to traffic proceeding along the main road from either directions… It is important that the rules should be strictly observed and the right which it confers, should not be allowed to be whittled away; drivers who have the rule in their favour,*

*are entitled to expect that the rule will be observed by the others.*" [Op. Cit. pgs. 326-327]

Illi din il-Qorti thoss li kieku l-imputat esplora t-triq sewwa, il-kollizzjoni kienet issir fuq il-karreggjata tax-xellug ta' Triq Santa Duminka, direzzjoni mir-Rabat lejn il-Munxar. Il-fatt li l-kollizzjoni sehhet fuq il-karreggjata l-ohra, jfisser li l-imputat lahaq qasam nofs it-triq minghajr ma ra l-mutur gej w ghalhekk kien naqas fil-*proper lookout* tieghu.

Il-Qorti tinnota li dwar l-allegat hsarat involuntarji fuq il-mutur ta' Joseph Zammit, il-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova dwarha.

**Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65, l-artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali 94 tas-sena 1969 tiddikjara li qed ssib lil imputat JOSEPH MIFSUD hati tat-tieni [2] w t-tielet [3] akkuza u tikkundannah multa komplessiva ta' erbghin [40] lira maltin.**

**Oltre dan ai termini tal-artikolu 15H tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-iskwalifika tal-licenzja tal-imputat ghal perjodu ta' xahar mill-lum.**

**Dwar l-ewwel [1] w r-raba [4] akkuza, dawn ma gewx ippruvati b'mod sodisfacenti w ghalhekk l-Qorti tiddikjara li ma ssibux hati taghhom u tilliberah minnhom.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------